MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Numru. 619/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**
**versus**
**Victor Degabriele**

Il-Qorti
Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Victor Degabriele ta' 19-il sena bin Peter u Marianna xebba Camillleri imwieled Pieta' fl-1 ta' Frar, 1984 u li joqghod 80 Triq San Frangisk Bormla ID 191384 (M).

Akkuzat talli f'dan l-ahhar xahar u qabel it-12 ta' Lulju, 2003 matul il-gurnata gewwa Bormla xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' karozza ta' l-ghamla Peugoet 306 bin-numru tar-Registrazzjoni SPS 996 li tiswa aktar minn elef lira Maltija (Lm1,OOO) u dan ghad-dannu ta' Alexia Satariano, liema oggett gie mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.
Ghalhekk din giet ippruvata skond il-Ligi.
Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 279(b) u 334 tal-Kap 9 issib lill-imputat, hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih.
Dwar il-piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina nadifa tieghu u ghalhekk qed tikkundannah ghall-Piena ta' 13-il xahar (tlettax) prigunerija sospizi ghal sentejn (2). Il-Qorti qed tordna wkoll li l-imputat jitpogga taht supervision order ghall-perjodu ta' sena (1) mid-data ta' llum ai termini ta' l-artikolu 28 G tal-Kap 9. L-ufficjal indikat mill-Qorti huwa Mary Rose Farrugia.
Il-Qorti spjegat kemm l-artikolu 28 A kif ukoll l-artikolu 28 G tal-Kap 9 bi kliem semplici lill-imputat.
Ghal kull buon fini l-Qorti qed taghmel dan il-provvediment: li jekk ir-res furtiva ghadha taht idejn il-Pulizija Esekuttiva din ghandha tinghata lil sidha bla dewmien.

Il-Qorti qed tordna li l-process kif ukoll din is-sentenza jintbaghtu minnufih lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------